TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 959

KAZ NRU. 1199

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Konrad Sultana

u

Burger Operations Ltd

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 27 ta' Lulju 1998

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 1 ta' Dicembru 1997 b'referenza MHS/TI/92/97 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 4 seduti.

Konrad Sultana, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici u Burger Operations Ltd, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Arthur Muscat assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma kienetx rizenja izda tkeccija ghaliex iffirma tali rizenja taht theddid li jhassrulu l-futur tieghu u ma nghatax opportunita li jiddefendi ruhu.

Fl-Istqarrija Preliminari l-Kumpanija kkontendiet li t-Tribunal ma ghandux gurizdizzjoni biex jisma' l-kaz ghaliex l-appellant irrizenja volontarjament mill-impieg tieghu. Dan meta gie konfrontat mill-management tal-Kumpanija b'mankanzi fl-operat manigerjali tieghu, u wara li gie moghti l-opportunita li jirrizenja flok jigi mkecci, ghazel li jirrizenja. Il-Kumpanija ssostni li ma kien hemm ebda theddid jew impozizzjoni fuq l-appellant u li mxiet mieghu b'mod korrett.

It-Tribunal kellu ghalhekk jiddeciedi jekk l-appellant kienx irrizenja volontarjament.

Mix-xhieda u mid-dokumenti ma giex pruvat li l-appellant gie b'xi mod imgieghel jifferma r-rizenja. L-appellant kien jokkupa pozizzjoni manigerjali u ghandu standard ta' edukazzjoni tajba. Imissu kien jaf sewwa bil-konsegwenzi ta' l-iffirmar ta' rizenja. Ma kien hemm xejn li jzommu milli jirrifjuta li jirrizenja u jikkontesta t-tkeccija bhala ngusta kif qed jikkontendi issa.

L-appellant b'ebda mod ma gie ngannat, nghata l-ghazla li jirrizenja jew jitkecca u ssemmiet il-possibilta li l-kaz jista' eventwalment jittiehed quddiem it-Tribunal Industrijali mill-appellant - kif fil-fatt qed jaghmel issa.

Setgha u kellu d-dritt li ma jiffirmax kif ukoll li ma jiehux decizjoni dak il-hin u jahsibha sewwa qabel ma jiffirma. Hu ghazel li jiffirma l-ittra ta' rizenja u, jekk ghaggel, hu irid jerfa' r-risponsabbilta' ghall-konsegwenzi ta' dik l-ghaggla.

It-Tribunal jiddeciedi li l-appellant irrizenja mill-impieg u mhemmx kaz ta' tkeccija.

Ghalhekk ma jkomplix jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona

Chairman

George Attard

Segretarju